KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 34

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 34

It-Tlieta 30 ta' Lulju, 2024

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Dott. Dorian Sciberras –Sindku Iklin
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Kaylon Zammit – Sindku Pembroke
Is-Sa Desirei Grech – Sindku Birkirkara
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

Is-Sur Chircop feraħ lis-Sindki ġodda li kienu preżenti għal din il-laqgħa li kienet l-ewwel waħda tagħhom wara l-elezzjonijiet li nżammu f'Ġunju 2024.

## 34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

34.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda ittra ta' apoloġija mingħand il-membri.

## 34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

34.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 33 li nżammet nhar it-Tnejn 17 ta' Ġunju 2024 kienu meħuda bħala moqrija.

34.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, sekondat mis-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli.

## 34.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Malta Green Visions Summer Expo Waste Recycling & Sustainability Awards*

34.3.1 B'referenza għal dan l-avveniment li nżamm nhar il-Ħamis 25 ta' Lulju 2024, il-President informa kif ir-Reġjun kien ġie onorat b'żewġ 2nvolu prestiġjużi: '*Best Innovation in Waste Management and Recycling of the Year Award*' u '*Local Council with the Best Environmental Initiative Award'.*

34.3.2 Is-Sur Chircop spjega kif dawn l- awards jirrikonoxxu l-isforzi u l-proġetti innovattivi tal-Kunsill Reġjonali Lvant flimkien mal-Kunsill Lokali fi ħdanu fil-ġestjoni tal-iskart u l-konservazzjoni ambjentali.

34.3.3 Hu żied jgħid kif matul din is-serata, il-Maniġer tal-Ambjent u l-Maniġer tal-Koordinazzjoni tal-Iskart taw preżentazzjoni bit-titlu 'Greening the East', li kienet fuq firxa ta' inizjattivi, minn sforzi innovattivi ta' riċiklaġġ għal proġetti ambjentali mmexxija mill-komunità, u l-impenn tagħna għal 2nvolu aktar ekoloġiku u sostenibbli.

- *Applikazzjoni mal-Kunsill ta' l-Arti f'Malta*

34.3.4 B'referenza għal l-applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa minn dan ir-Reġjun, il-President informa kif nhar il-Ħamis 27 ta' Ġunju 2024 dan ir-Reġjun ġie infurmat kif l-applikazzjoni ġiet milquha u għal din ir-raġuni dan ir-Reġjun permezz tal-Maniger Kulturali ser ikun qed iħejju programm ta attivitajiet nhar is-Sibt 31 t'Awwissu 2024 u l-Ħadd l-1 ta' Settembru 2024

34.3.5 Is-Sur Chircop talab lill-membri sabiex jgħinu fil-promozzjoni ta' dawn l-avvenimenti sabiex tkun waħda ta' suċċess.

34.3.6 ***17:42pm – Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, u l-Viċi Sindku ta' Swieqi, Is-Sa Maryanne Abela, waslu għal din il-laqgħa.***

34.3.7 Il-President talab sabiex il-laqgħa tkompli fuq item numru 34.5. Fuq qbil mill-membri preżenti, is-Sur Chircop stieden lill-Accountant tar-Reġjun, lis-Sa Romina Perici Ferrante, sabiex tkun preżenti għal din il-laqgħa.

## 34.5 Rapport Finanzjarju

34.5.1 Is-Sa Perici Ferrante irringrazzjat lill-President u tat spjegazzjoni dwar ir-rapport finanzjarju għas-sena 2024 sa' Ġunju 2024, liema rapport kien ġie mgħoddi lill-membri preżenti flimkien ma' l-aġenda permezz ta' emejl.

34.5.2 Peress li ma kien hemm l-ebda mistqosijiet imressqa, il-President irringrazzja lis-Sa Perici Ferrante u talab l-approvazzjoni tal-membri preżenti.

34.5.3 Ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu.

34.5.4 Il-President irringrazzja lis-Sa Perici Ferrante talli kienet preżenti u għal din ir-raġuni ġiet skużata mill-laqgħa.

34.5.5 Il-President talab lill-membri preżenti sabiex titkompla l-laqgħa fejn kien jonqos xi punti oħra xi jsemmi taħt Punt 34.3.

34.5.6 ***18:45pm – il-Viċi Sindku ta' Swieqi, Maryanne Abela, skużat ruħha mill-laqgħa minħabba impenji oħra.***

## 34.3 Komunikazzjoni mill-President (tkompli)

- *Aġġornment dwar il-kuntrattur ta' l-iskart*

34.3.8 Il-President taha spjegazzjoni dettaljata dwar is-sitwazzjoni li r-Reġjun jinsab fil-preżent mal-kuntrattur fuq il-ġbir ta' l-iskart.

34.3.9 Il-President esprima d-dispjaċir li ħass peress li l-kuntrattur ma rranġa l-ebda problema li kien hemm imniżżel fl-ittra tad-*default notice.*

34.3.10 Wara diskussjoni fit-tul bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil sabiex kopja ta' l-ittra tad-*default notice* għandha tiġi mibgħuta lis-Sindki fi ħdan ir-Reġjun u aġġornament dwar dan ser ikun qed jingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *Aġġornament fuq il-PROs (Greenpak u GreenMT)*

34.3.11 Il-President informa lill-membri preżenti kif dan ir-Reġjun ġie msejjaħ biex jattendi laqgħa oħra dwar dan il-kuntratt li għadu 3nvolut nhar l-Erbgħa 31 ta' Lulju 2024.

34.3.12 Is-Sur Chircop fakkar kif fl-aħħar laqgħa li kienet inżammet dwar dan, ma kienx hemm qbil bejn il-PROs u r-Reġjuni. Żied jgħid ukoll kif għad hemm kont 3nvolut tal-Wasteserv ta' madwar €88,000 li r-Reġjun qed jikkontestah u qed jistenna direzzjoni dwar dan mingħand id-Diviżjoni.

34.3.13 Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *Beverage Container Refund Scheme Malta Ltd.*

34.3.14 Il-President informa lill-membri preżenti kif nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju 2024 hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, il-Manager tal-Ambjent u l-Manager ta' l-Iskart kellhom laqgħa mas-Sur Dimech u mas-Sur Meilak mill-BCRS fejn ġew mgħotija spjegazzjoni dwar kif qed topera u anke dwar il-proċess 4nvolute fejn jidħol ir-riċiklar tal-fliexken tal-plastic u tal-ħġieġ.

34.3.15 Is-Sur Chircop spjega kif BCRS kienet qed toffri l-opportunità sabiex tilqa lis-Sindki u Kunsilliera li għandhom ir-responsabilita ta' l-iskart u Segretarji Eżekuttivi sabiex iżuru din il-faċilita u jifmu aħjar il-proċess 4nvolute. Din iż-żjara tkun tistà sservi wkoll bħala opportunità sabiex il-Kunsilli jiddiskutu l-problemi li għandhom relatati ma' dawn il-magni.

34.3.16 Is-Sur Chircop spjega wkoll kif matul din il-laqgħa ġie diskuss ukoll il-possibilita ta' l-użu ta' magni li jitpoġġew waqt festi jew avvenimenti kbar sabiex jofru dan is-servizz. Dan is-servizz huwa marbut ma ħlas ta' €600 u jrid ikun allokat f'post adekwat li hu fil qalba u aċċessibli biex jiġi mbattal b'mod frekwenti.

34.3.17 Il-membri preżenti qabdu sabiex tiġi organizzata din iż-żjara u għal din ir-raġuni l-uffiċċju ser ikun qed jikkordina din iż-żjara.

- *European Week of Regions and Cities 2024*

34.3.18 B'referenza għal din l-okkażżjoni, il-President informa lill-membri kif din is-sena s-sezzjonijiet marbuta ma' din il-ġimgħa ser tkun qed tinżamm bejn it-Tnejn 7 ta' Ottubru 2024 sal-Ħamis 10 ta' Ottubru 2024 ġewwa Brussel.

34.3.19 Is-Sur Chircop spjega kif kien ġie approvat fil-laqgħa tar-Reġjun numru 30, dan ir-Reġjun ser ikun qed iħallas il-biljett tal-vjaġġ minn Malta għal Brussel u lura. Il-lukanda u s-*subsistance allowance* għandha tinħareġ mill-Kunsill Lokali rispettiv. Għal dan il-għan intbagħtet emejl aktar kmieni dakinhar sabiex is-Sindki jkunu jistgħu jirreġistraw l-interess tagħhom sabiex jattendu dawn is-seminars.

- *Rights Project (The Malta Foundation for the Wellbeing of Society)*

34.3.20 B'referenza għal dan il-proġett, is-Sur Chircop spjega kif ser tkun qed tinżamm l-ewwel laqgħa fuq bażi Reġjonali għal Kunsill tat-Tfal fejn ser ikun hemm rappreżentant minn kull lokalità. Din il-laqgħa ser tinżamm nhar l-Erbgħa 18 ta' Settembru mill-4:30pm sas-6pm ġewwa l-Urban Valley Resort and Spa, The Notch Conference Centre, San Gwann.

34.3.21 Hu kompla jispjega kif is-Sindki huma mistiedna li jattendu u ser ikunu qed jiġu nfurmati dwar dan permezz ta' emejl.

- *Chess Tournament 2024*

34.3.22 Il-President faħħar l-avveniment li inżamm għat-tielet sena konsekuttiva ġewwa l-ġnien f'tas-Swieqi nhar il-Ġimgħa 19 ta' Lulju 2024. Huwa spjega kif l-attendenza kienet waħda numeruża, l-organizzazzjoni kienet waħda tajba, u dwar il-kummenti sbieħ li kien hemm b'mod speċjali mill-ġenituri fejn it-tfal tagħhom kellhom opportunità li jieħdu sehem f'kompetizzjoni.

34.3.23 Is-Sur Chircop irringrazzja lil kull min kien 4involut fl-organizazzjoni u lill-Kunsill Lokali tas-Swieqi tal-kollaborazzjoni.

- *Proposta mingħand Sportify Sports Academy*

34.3.24 Il-President informa lill-membri preżenti dwar laqgħa li l-President flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Maniġer tal-Kultura, James Hamberger, kelli nhar il-Ħamis 4 ta' Lulju dan ir-Reġjun mas-Sur James Fenech

34.3.25 Is-Sur Chircop spjega kif f'din il-laqgħa s-Sur Fenech kien ressaq il-proposta tiegħu li jsir tournament tal-futbol fuq livell Reġjonali is-Sibt f'Novembru 2024 minn U5 sa U13 man-nurseries fi ħdan ir-Reġjun.

34.3.26 Is-Sur Chircop qal ukoll kif dan it-turnament ser ikun qed jilħaq madwar 700 tifel/tifla u kif, għalkemm għadhom qed jinġabru l-preżżijiet, l-ispiża m'għandiex tkun aktar minn €3,000.

34.3.27 Il-membri preżenti approvaw din il-proposta.

- *Proġett fil-Widien fi ħdan ir-Reġjun*

34.3.28 Il-President spjega kif waqt li hu kien qiegħed jattendi laqgħa tal-kumitat tar-Reġjun barra minn Malta, jeżisti fond, li għalkemm fil-preżent jinsab wieqaf, għal riabilitazzjoni għal widien. Kif jiġu eletti l-kummissarji, dan il-fond ser jerġa jkun miftuħ u għal din ir-raġuni hu ħass li dan ir-Reġjun għandu ħafna widien li jistgħu jibbenifikaw minn dan il-fond.

34.3.29 Is-Sur Chircop għamel referenza għal Wied Għomor sabiex ikun proġett pilota fejn jestendi minn San Ġiljan sa San Gwann u Swieqi.

34.3.30 Hu żied jgħid kif għal din ir-raġuni, inżammet laqgħa ta' introduzzjoni mas-Sindki rispettivi ta' dawn il-lokalitajiet sabiex ir-Reġjun jispjega l-ħsieb u jekk hemmx interess u appoġġ mill-istess Kunsilli. Waqt din il-laqgħa l-Kunsilli rispettivi qablu mal-ħsieb ta' dan il-proġett. Il-ħsieb huwa li l-wied ikun iktar organizzat.

34.3.31 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, issuġġerixxa lir-Reġjun javviċina lill-Projet Green li diġa qiegħed jaħdem fuq dawn i-tip ta' proġetti u biex ir-Reġjun jivverifika peress li riċentament kien ġie mħabbar xi parti mill-wied ta' San Ġwann ukoll.

34.3.32 Filwaqt li qabel mas-Sur Dalli, is-Sur Chircop qal ukoll kif hu jikkontendi li Project Green qedin jgħamlu ħafna interventi fuq fejn illum huwa konkret biex idawruħ f'pocket parks. Minflok għandhom isiru proġetti wkoll biex postijiet bħal widien ikunu organizzati.

34.3.33 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif qed jitkelmu wkoll ma Friends of the Earth u ma' Periti sabiex naraw il-proċess x'jinvolvi.

34.3.34 Aġġornament dwar dan jingħata 'l quddiem meta r-Reġjun ikollu aktar informazzjoni.

- *Seminar ta' Tagħrif*

34.3.35 Il-President spjega kif hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iħossu l-ħtieġa li tinżamm laqgħa mas-Sindki u Kunsilliera, speċjalment dawk li huma ġodda fil-Kunsilli Lokali. Din il-laqgħa ser tkun miftuha wkoll għas-Segretarji Eżekuttivi fi ħdan ir-Reġjun.

34.3.36 Is-Sur Chircop spjega kif il-ħsieb huwa li din tinżamm nhar il-Ħamis 3 ta' Ottubru 2024 fejn fiha ser tingħata spjegazzjoni dwar ix-xogħol u l-proġetti kollha li qed isir mir-Reġjun.

34.3.37 Il-membri preżenti qablu ma din il-proposta u l-uffiċċju ser ikun qed jinforma lill-Kunsilli Lokali bid-dettalji dwar dan is-seminar.

## 34.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

34.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal il-laqgħa dan ir-Regjun kien irċieva komunikazzjoni mingħand is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sabiex tressaq suġġeriment dwar in-*Neutering* tal-Qtates.

34.3.2 Il-President informa lill-membri kif nhar il-Ħamis 18 ta' Lulju 2024 kienet saret laqgħa informali ta' Skemi u Inizjattivi ta' Ħarsien tal-Annimali apposta għall-Kunsilli Lokali. Waqt din il-laqgħa l-Animal Welfare flimkien mal-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali spjegaw l-opportunitajiet ta' finanzjament li għaddejjin bħalissa għall-Kunsilli Lokali. Bħalissa, l-Animal Welfare qed tipprovdi fondi għan-neutering u chipping tar-razez tal-bully u l-qtates stray. Barra minn hekk, l-entità se tkun qed tistabbilixxi standards għal akkomodazzjonijiet ta' pet sitting/ boarding tal-annimali domestiċi tal-qtates u l-klieb. Il-Kunsilli Lokali għandhom jilqgħu l-applikazzjonijiet dwar id-dettalji tal-cat feeders s'għada, l-Erbgħa 31 ta' Lulju 2024. L-Iskema Cat Feeders Allokat €350,000, fejn s'issa ntefqu €280,000.

34.3.3 Is-Sur Chircop spjega kif s'issa ma kienx hemm ħsieb li tinħareġ skema dwar dan pero ser naraw li tinġabar aktar informazzjoni dwar dan fil-ġranet li ġejjin mill-Maniġer ta' l-Ambjent.

## 34.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- Kwotazzjonijiet

34.6.1 Il-President ressaq fuq il-mejda diversi kwotazzjoni li kienu nġabru għall-approvazzjoni tal-membri:

- Servizz ta' printing għal proġett 'lVANt' fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand PXLdesigns and prints bi prezz ta' €1,156.40;
- Servizz ta' Sound Engineer għal proġett 'lVANt' fejn l-orħos kienet mingħand Costa Consulta Ltd - €1,716.60;
- Servizz ta' vidjografija għal midja soċjali fejn l-orħos kienet mingħand Videocafe ta' €1,805.60;
- Servizz għal tagħmir tad-dawl għal proġett 'lVANt' fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Costa Consulta Ltd għal prezz ta' €4,510.55;
- Servizz ta' *sound* għal proġett 'lVANt' fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Costa Consulta Ltd għal prezz ta' €10,440.50;
- Kwotazzjoni għal żigarella personalizzata fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand ROCS Group ta' €883.82
- Kwotazzjoni għal żewġ kompjuters biex jitpoġġew fl-uffiċċju tat-tribunal fejn l-orħos kwotazzjonijiet kienu dawk preżentati minn Techstore għal prezz ta' €1,320.41;
- Kwotazzjonijiet għal televiżjoni fl-uffiċċju tat-Tribunal ġewwa l-awla peress li dak li hemm fil-preżent qed titlaq l-istampa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik provduta mingħand Digitalzone għal prezz ta' €539.00;
- Kwotazzjoni sabiex jinxtara televiżjoni fl-uffiċċju amministattiv tar-Reġjun fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Digitalzone għal prezz ta' €419.00.

34.6.2 Il-membri preżenti approvaw il-kwotazzjonijiet imressqa b'mod unanimu.

- *Rapporti ta' Ħidma*

34.6.3 Il-President ressaq fuq il-mejda erbgħa rapporti ta' ħidma ta' kull kwart tas-sena mingħand l-uffiċċjali Maniġejrali tar-Reġjun u żied jgħid kif il-Maniġer tal-fondi Ewropej u Lokali, is-Sa Marija Vassallo, tat ir-riżenja tagħha nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju 2024 minħabba opportunità oħra li kellha Għawdex stess.

34.6.4 Il-President informa lill-membri kif fir-Reġjun preċedenti u qabel ma kien hemm dan l-impjieg, ir-Reġjun kellu kuntratt ma' kumpanija sabiex jgħati assistenza meta jkun hemm bżonn li Kunsill jew Reġjun japplika għal dawn il-fondi. Għal din ir-raġuni hu staqsa lil membri jekk ir-Reġjun għandux joħroġ sejħa oħra għal din il-pożizzjoni jew jekk għandhux jiġbor kwotazzjonijiet għas-servizz minn kumpaniji li joffru dan ix-xogħol għal meta r-Reġjun ikun jixtieq japplika għal xi fondi.

34.6.5 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, ġibed l-attenzjoni li kien hemm ċirkulari fejn il-Kunsilli ma jistgħux jingaġġaw f'servizz ta' kumpanija b'mod speċjali peress li hemm SEM li tagħti l-assistenza tagħha b'xejn lill-Kunsilli Lokali u Reġjuni.

34.6.6 Is-Sur Chircop ħa nota dwar dan u ser ikunu qed jaraw mad-Diviżjoni dwar dan.

34.3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-membri preżenti jekk xtaqux jgħaddu l-kummenti tagħhom rigward ir-rapporti li kienu ntbagħtu diġa permezz ta' emejl.

34.3.8 Il-maġġoranza tal-membri preżenti rrimarkaw fuq ix-xogħol siewi li qed isir mill-Maniġer tal-Kultura, James Hamberger. Ma kienx hemm kummenti fuq ir-rapporti l-oħra.

34.3.9 *19:17pm – is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, skuża ruħu mill-laqgħa*

34.3.10 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, staqsa lill-President għalfejn ma kien hemm l-ebda promozzjoni dwar is-Sliema Arts Festival fuq il-paġna uffiċċjali tar-Reġjun. Hu żied jgħid kif hu xtaq li għalkemm din ma kinitx iffinanzjata mir-Reġjun, xorta waħda kellha titpoġġa biex tiżdid il-promozzjoni.

34.3.11 Il-President spjega li din ma saret bl-ebda skop ħażin u kien ikun aħjar kieku l-attenzjoni tar-Reġjun ġiet miġbuda qabel biex ir-Reġjun seta jgħin fil-promozzjoni ta' dan il-festival.

34.3.12 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, żied jgħid kif ikun aħjar jekk ir-Reġjun jieħu ħsieb jippromwovi l-avvenimenti li qed jinżammu mill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

34.3.13 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri kif ir-Reġjun dejjem għen fil-promozzjoni fuq il-midja soċjali kull meta Kunsill Lokali talab sabiex dan isir, tkun xi tkun l-avveniment.

## 34.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

34.7.1 Il- President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

34.7.2 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, sekondat mis-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 31A u 31B.

34.7.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 34.8 Mozzjonijiet

34.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 34.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

34.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-19:24 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 27 ta' Awwissu 2024, fil-17:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 30 ta' Awwissu, 2024.

| | |
|---|---|
| Anthony Chircop | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |